**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Maria Concetta Formosa**

**Distrett Zejtun**

**Illum, 17 ta' Jannar 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Maria Concetta Formosa, bint John u Michelina Pace, m'Cospicua, fi 28/02/1958, ta' 191, St Anne, Misrah Dom Mintoff Zejtun ID 173858M**

Akkuzata talli fis-27 ta' Lulju 2023 fil-granet precedenti gewwa 191, St Anne, Misrah Dom Mintoff Zejtun:

1. Minghajr il-permess tal-Awtorita' u jew il-licenza tal-Kunsill Lokali relattiv, bnejt jew ghamilt haga fit-toroq li tista' ggib xkiel jew periklu jew inkomdu lill-pubbliku, inkellha hallejt wara li gew mwissi mill-Pulizija jew minn gwardjan lokali, bini jew opri ohra fi stat ta' tigrif jew ta' periklu ghan-nies jew ghal hwejjeg haddiehor, bi ksur tar-regolament 38 A.L. 29/2010.

2. U aktar talli ma obdejtx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku.[1]

Rat l-atti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet li l-prosekuzzjoni irrimettiet ruha fuq il-provi in atti filwaqt li d-difiza ghamlet is-sottomissjonijiet taghha fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2024.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**
**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwardaw rapport li l-imputata ghamlet hija stess fl-ghassa taz-Zejtun dwar periklu fil-gallarija taghha. Il-Pulizija marru fuq il-post u raw li z-zona ma tkunx ta' periklu ghall-pubbliku.

[1] Folio 1 tal-process.

Il-Perit Anne Casha intalbet taghmel rrapport fuq il-hsarat u fis-27 ta' Gunju 2023 l-imputata inghatat kopja tar-rapport u zmien tmienja u ghoxrin (28) gurnata biex taghmel it-tiswijiet neccessarji pero' jidher li sal-10 ta' Ottubru 2023 hija ma ghamlet xejn minn dan u ma ipprezentatx rapport peritali.[2]

**Ikkunsidrat:**
**Provi**

Xehed **PS 821 Abela Galea** fejn qal li nhar is-16 ta' Mejju 2023 l-imputata ghamlet rapport hija stess fl-ghassa taz-Zejtun dwar periklu fil-gallarija taghha. Il-Pulizija marru fuq il-post u raw li z-zona ma tkunx ta' periklu ghall-pubbliku.

Il-Perit Anne Casha intalbet taghmel rapport fuq il-hsarat u fis-27 ta' Gunju 2023 l-imputata inghatat kopja tar-rapport u zmien tmienja u ghoxrin (28) gurnata biex taghmel it-tiswijiet neccessarji pero' sal-10 ta' Ottubru 2023 hija ma ghamlet xejn minn dan u ma ipprezentatx rapport peritali.[3]

Xehedet il-**Perit Anne Casha** fejn spjegat l-involviment taghha fl-investigazzjoni u ipprezentat rapport datat 17 ta' Mejju 2023[4]. Hija tikkonferma li s-sitwazzjoni tipprezenta ' a hazard to the general public'. Jidher li l-Perit kienet qed titlob li s-sid jaghmel ix-xogholijiet rimedjali taht is-sorveljanza ta' perit fi zmien (4) gimghat. Hija stqarret li ma tafx jekk ix-xogholijiet rimedjali sarux jew le.

---

[2] Dok DC 1 – pagna 3.

[3] Folio 2 tal-process.

[4] Dok AC tal-process.

Xehdet **l-imputata** fejn  ikkonfermat li hija stess kienet marret ghand il-pulizija meta innutat il-hsara liema hsara tghid li kienet giet ikkawzata minn zvilupp li kien qed isir hdejha.  Hija tghid li l-periklu issa tnehha wara li gabet persuna li tirrestawra l-bini antik.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qieghda tigi akkuzata li:

1. Halliet bini jew opra ohra fi stat ta' tigrif jew ta' periklu ghan-nies jew ghal hwejjeg haddiehor bi ksur tar-regolament 38 tal-Avviz Legali 29/2010; u li

2. Ma obdietx l-ordnijiet legittimi ta' awtorita' kompetenti taht l-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dwar l-ewwel akkuza l-Qorti tosserva li ghalkemm fix-xhieda taghha l-imputata tallega li l-hsarat gew ikkawzati minn terzi persuni, ma hemm xejn x'jikkonforta din it-tezi fl-atti processwali.  Illi filwaqt illi fil-kamp kriminali l-imputat m'ghandu ghalfejn jipprova xejn, tant illi l-htija trid tigi pruvata mill-Prosekuzzjoni u l-imputata m'ghandhiex ghalfejn tipprova l-innocenza taghha, f'kaz bhal dan fejn l-imputata tghid li l-hsara ma saritx minnha imma minn terz, din l-asserzjoni tal-imputata ma tistax wahedha titqies bhala difiza tajba u dan aktar u aktar fil-kuntest li wara ir-rapport maghmul minnha l-pulizija fis-**27 ta' Gunju 2023**[5] hija giet ufficjalment infurmatha u ordnatha biex taghmel ix-xogholijiet rimedjali fi zmien tmienja u ghoxrin (28) gurnata u jidher li hija baqghet ma ghamlet xejn.  Wiehed irid ifakkar li l-imputata minn tal-anqas kienet taf bil-periklu sa mis-**16 ta' Mejju 2023**, id-data meta hija stess marret taghmel ir-rapport.

---

[5] Timbru fuq Dok DC 2.

Ghalhekk fis-27 ta' Lulju 2023 u fil-granet precedenti hija kienet taf li l-binja taghha kienet fi stat ta' periklu u jidher li sa dak il-perjodu baqghet inadempjenti.

**Konsegwentament, l-ewwel akkuza tirrizulta ampjament.**

**Ikkunsidrat:**

Dwar it-tieni akkuza jidher fid-dokument ezebit (Dok. 2) illi l-ordni sabiex isiru x-xogholijiet rimedjali giet notifikata lill-imputata fis-27 ta' Gunju 2023 f'liema data l-imputata iffirmat li qed tircievi dik l-ittra. Fl-istess ittra inghatat tmienja u ghoxrin (28) gurnata zmien sabiex tottempora ruhha mal-imsemmija ordni, konsegwentament in-nuqqas li tobdi tali ordni jidhol fis-sehh wara l-iskadenza tat-tmienja u ghoxrin (28) gurnata zmien. Dan ifisser illi allura l-imputata kellha zmien sal-25 ta' Lulju 2023 sabiex tottempora ruhha.

Illi l-akkuza taqra fis-27 ta' Lulju 2023 u fil-granet precedenti li dan allura jfisser fis-sebat ijiem qabel u cioe bejn il-20 u s-27 ta' Lulju 2023, stante illi fejn l-akkuza ssemmi biss "il-granet precedenti", allura iz-zmien imur lura sa gimgha mid-data tal-akkuza.

Konsegwentament jirrizulta li fil-jiem tas-26 u tas-27 ta' Lulju 2023, stante li l-imputata ma ghamlitx ix-xoghol rimedjali fiz-zmien lilha koncess, l-imputata kisret l-ordni moghtija mill-Pulizija sabiex taghmel ix-xogholijiet rimedjali.

**Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-tieni akkuza giet ukoll pruvata.**

**Ikkunsidrat:**
**Piena:**

**Ir-Regolament 44 (1) tal-Avviz Legali 29 tal-2010 jipprovdi:**

*Persuna li twettaq reat taħt ir-regolament 35(1) jew taħt ir-regolament 38 tista', meta tinsab ħatja, teħel ammenda ta' €1,000.*

Illi l-piena ghall-ewwel akkuza hija mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti stante illi l-istess Regolament jghid "tista' tehel" u mhux "tehel" ammenda ta' elf Ewro (€1,000). Il-Qorti qieset ic-cirkostanzi specjali u straordinarji ta' dan il-kaz, u mhux l-anqas li kienet l-imputata stess li hadet l-izbriga li tavza lill-pulizija ezekuttiva bil-periklu. Il-Qorti qieset ukoll l-eta' avvanzata tal-imputata, il-fatt li ma gietx esebita fedina penali tal-imputata u ghalhekk il-Qorti tikkunsidra lill-imputata bhala li ghandha fedina penali netta u kif ukoll li kif inhu ben risaput mhux facli issib haddiema biex jaghmlu xoghol ta' restawr f'bini antik u konsegwentament il-Qorti tqis li ma ghandhiex timponi din il-multa.

Fir-rigward tat-tieni akkuza l-piena taht l-Artiklu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija l-piena stabbilita ghall-kontravenzjonijiet u cioe kif provdut fl-Artiklu 7 sub inciz 2 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jaqra:

*7.(2) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 53 jew ta' xi liġi speċjali oħra, il-pieni li jistgħu jiġu mogħtija għall-kontravvenzjonijiet huma –*

*(a) id-detenzjoni;*

*(b) l-ammenda;*

*(ċ) iċ-ċanfira jew it-twiddiba.*

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat ir-Regolament 38 tal-A.L. 29/2010 kif ukoll l-Arikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-

Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputata **MARIA CONCETTA FORMOSA HATJA** tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u ghar-ragunijiet fuq spjegati qeghda qeghda tikkundanna lill-imputata ghal ammenda ta' hamsin Ewro (€50).

Il-Qorti spjegat din is-sentenza fi kliem car u semplici lill-hatja Maria Concetta Formosa.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Qrati minnufih.

Moghtija illum 17 ta' Jannar 2025 fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Annalise Mifsud
Deputat Registratur